KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-2 ta' Marzu 2016[1]

Kawża C-241/15

Niculaie Aurel Bob-Dogi

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (qorti tal-appell ta' Cluj, ir-Rumanija)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni qafas 2002/584/ĠAI — Mandat ta' arrest Ewropew — Artikolu 8(1)(c) — Assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali preċedenti u distint mill-mandat ta' arrest Ewropew — Konsegwenza"

1. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistipula li l-kamp ta' applikazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ikopri t-territorju tal-Istat Membru emittenti, u li bħala konsegwenza jawtorizza l-ħruġ ta' dan il-mandat għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali mingħajr ma jinħareġ preċedentement mandat ta' arrest nazzjonali distint, hija konformi mad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[2], kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009[3]?

2. Din hija l-mistoqsija li qed issaqsi din it-talba għal deċiżjoni preliminari li, filwaqt li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3, 4, u 8 tad-Deċiżjoni Qafas, tressqet fl-okkażjoni ta' talba ta' eżekuzzjoni, fir-Rumanija, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fit-23 ta' Marzu 2015 mill-Mátészalkai járásbíróság (tribunal lokali ta' Mátészalka, l-Ungerija) kontra N. A. Bob-Dogi, ċittadin Rumen arrestat f'pajjiżu fit-2 ta' April 2015 qabel ma tqiegħed taħt kontroll ġudizzjarju.

3. Il-Curtea de Apel Cluj (qorti tal-appell ta' Cluj) essenzjalment tistaqsi jekk il-"mandat ta' arrest", li l-eżistenza tiegħu trid tiġi indikata fil-mandat ta' arrest Ewropew skont l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas, ifissirx mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew u maħruġ qabel dan u jekk, fil-każ li t-tweġiba għall-din il-mistoqsija tkun fl-affermattiv, l-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali li jissodisfa dan ir-rekwiżit għandiex titqies bħala raġuni impliċita biex il-mandat ta' arrest Ewropew ma jiġix eżegwit.

4. Dawn il-mistoqsijiet, għalkemm jidhru tekniċi, jaħbu argument essenzjali għall-futur tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku u, għalhekk, għall-bini tal-ispazju ġudizzjarju Ewropew, li jiddependi mid-definizzjoni ta' garanziji stabbiliti biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, li l-eżekuzzjoni tiegħu neċessarjament timplika t-tiċħid, ftit jew wisq twil, tal-libertà.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34.

3 — ĠU L 81, p. 24, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas".

5. Ma għandix dubji dwar ir-risposta, ladarba nikkonstata li, minn naħa, l-eżami tal-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jsir fid-dawl tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u, min-naħa l-ohra, li din il-leġiżlazzjoni ma hijiex garanzija tal-effettività u tar-rapidità tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew.

6. F'dawn il-konklużjonijiet, l-ewwel nett, ser insostni li mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ biss għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali distint jew ta' kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jordna t-tfittxija u l-arrest tal-persuna mfittxija, u adottati skont ir-regoli ta' proċedura kriminali tal-Istat Membru emittenti.

7. It-tieni nett ser insostni li, billi l-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali distint hija ommissjoni ta' forma proċedurali sostanzjali inerenti għall-eżistenza nnifisha tal-mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni trid tirrifjuta li teżegwixxi l-att inkwantu mandat ta' arrest Ewropew.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

8. Il-premessi 5 sa 8 u 10 tad-deċiżjoni qafas jipprovdu:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u li din tiġi sostitwita b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata ġdida ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew biex jiġu sottoposti għal azzjoni kriminali, jagħmilha possibbli li jitneħħew il-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' kooperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu sostitwiti b'sistema ta' moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tingħata s-sentenza kif ukoll dawk finali, fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

(7) Billi l-għan tas-sostituzzjoni tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq sew mill-Istati Membri li jaġixxu unilateralment u jista' għalhekk, minħabba fl-iskala u fl-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell ta' l-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu ta' l-aħħar, din id-Deċiżjoni Kwadru ma tmurx lil hin minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(8) Id-deċiżjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tagħha.

[...]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza [fiduċja] bejn l-Istati Membri [...]".

9. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat “Definizzjoni tal-mandat ta’ arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit”, jipprovdi:

“1. Il-mandat ta’ arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta’ l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta’ persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta’ azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta’ piena ta’ kustodja jew ordni ta’ detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta’ arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas].

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m’għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 [UE]”.

10. L-Artikoli 3 u 4a tad-Deċiżjoni qafas jelenkaw ir-raġunijiet li għalihom mandat ta’ arrest Ewropew ma għandux jiġi eżegwit la b’mod obbligatorju u lanqas b’mod fakultattiv.

11. L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat “Kontenut u forma tal-mandat ta’ arrest Ewropew”, fil-paragrafu 1 tiegħu jistipula:

“Il-mandat ta’ arrest Ewropew għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skond il-formola li tinsab fl-Anness:

[...]

c) l-indikazzjoni ta’ l-eżistenza ta’ sentenza esegwibbli, mandat ta’ arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ l-Artikoli 1 u 2;

[...]”

12. L-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas jistipula:

“Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta’ esekuzzjoni ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti mhijiex suffiċjenti biex tiddeċiedi dwar il-konsenja, għandha titlob li l-informazzjoni supplementarja meħtieġa, b’mod partikolari fir-rigward ta’ l-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi mogħtija bħala kwistjoni ta’ urġenza u tista’ tistabbilixxi limitu ta’ żmien għall-wasla tagħha, waqt li tittieħed f’konsiderazzjoni l-ħtieġa li jkunu mħarsin il-limiti ta’ żmien stabbiliti fl-Artikolu 17.”

B – *Id-dritt Ungeriż*

13. L-Artikolu 25 tal-Liġi Nru CLXXX tal-2012 dwar il-kooperazzjoni f’materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (az Európai Unió tagállamaival folytatott bűnügyi együttműködésről szóló 2012. évi CLXXX. törvény) [4] jistipula:

“1) Jekk ikun hemm bżonn tinbeda proċedura kriminali kontra persuna ssuspettata, il-qorti toħroġ immedjatament mandat ta’ arrest Ewropew biex din il-persuna tiġi arrestata fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u għall-konsenja tagħha, sa fejn dan ikun iġġustifikat mill-gravità tal-ksur [...]

[...]

7) Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-mandat ta’ arrest Ewropew jestendi wkoll għat-territorju tal-Ungerija.

4 — *Magyar Közlöny* 2012/260.

[...]".

II – **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14. Fit-23 ta' Marzu 2015, il-Mátészalkai járásbíróság (tribunal lokali ta' Mátészalka) ħareġ mandat ta' arrest Ewropew kontra N. A. Bob-Dogi, ċittadin Rumen, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontrih minħabba fatti li ġraw fl-Ungerija fis-27 ta' Novembru 2013 u li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "grieħi korporali gravi."

15. Dawn il-fatti jikkonċernaw inċident tat-traffiku li ġara fi triq pubblika u li kkawża diversi ksur u ġrieħi lis-Sur Katona, ċittadin Ungeriż li kien qed isuq mutur, inċident li għalih huwa responsabbli N. A. Bob-Dogi minħabba l-veloċità eċċessiva li biha kien qed isuq trakk.

16. Fit-30 ta' Marzu 2015 ġiet introdotta fis-sistema ta' informazzjoni Schengen twissija dwar mandat ta' arrest Ewropew.

17. Fit-2 ta' April 2015 N. A. Bob-Dogi ġie arrestat fir-Rumanija u, wara li tqiegħed f'detenzjoni, ġie mtella' quddiem il-Curtea de Apel Cluj (il-qorti tal-appell ta' Cluj) għall-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi.

18. Din il-qorti, b'deċiżjoni tal-istess jum, ċaħdet il-proposta ta' detenzjoni provviżorja ta' N. A. Bob-Dogi u ordnat li jinħeles immedjatament taħt kontroll ġudizzjarju waqt li tat lill-prosekutur data sa meta kellu jissottometti traduzzjoni bir-Rumen tal-mandat ta' arrest Ewropew.

19. Fis-seduta tal-15 ta' April 2015 N. A. Bob-Dogi ngħata kopja bil-lingwa Rumena tal-mandat ta' arrest Ewropew.

20. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji jekk il-leġiżlazzjoni Ungeriża hijiex konformi mad-Deċiżjoni Qafas. Tinnota li taħt l-ittra b) tal-mandat ta' arrest Ewropew – intitolat "Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat" – hemm indikat "Prosekutur ta' Nyíregyházi járásbíróság (qorti ta' Nyíregyházi) K.11884/2013/4" u taħt l-ittra b)(1) tal-istess mandat – li jipprovdi li jiġi indikat il-mandat ta' arrest jew id-deċiżjoni ġudizzjarja li jkollha l-istess effett, – hemm riferiment għall-"mandat ta' arrest Ewropew Nru 1.B256/2014/19-II maħruġ mill-Mátészalkai járásbíróság (qorti lokali ta' Mátészalkai), li huwa validu wkoll fit-territorju Ungeriż u jikkostitwixxi bl-istess titolu wkoll mandat ta' arrest nazzjonali". Għalhekk il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jistax b'mod validu jkun ibbażat fuqu nnifsu mingħajr ebda riferiment għal mandat ta' arrest nazzjonali distint li jippreċedih.

21. F'dan ir-rigward hija tinnota li kien hemm differenzi ta' interpretazzjoni bejn il-qrati Rumeni.

22. Filwaqt li, skont il-pożizzjoni predominanti, f'sitwazzjoni bħal din, it-talba ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandha tinċaħad għar-raġuni essenzjali li dan ma jikkompensax għall-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli, madankollu qrati oħra laqgħu t-talba li jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew għar-raġuni li r-rekwiżiti legali kienu ssodisfatti ladarba l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti kienu indikaw b'mod espliċitu li l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kien jikkostitwixxi d-deċiżjoni ġudizzjarja li fuqha kienet ibbażata t-talba indirizzata lill-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni, u f'ċerti każijiet speċifikaw li, b'konformità mal-leġiżlazzjoni Ungeriża, il-mandat ta' arrest Ewropew kien fl-istess ħin il-mandat ta' arrest nazzjonali.

23. Il-qorti tar-rinviju tqis li, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, id-deċiżjoni rikonoxxuta mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija d-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali mogħtija mill-awtorità kompetenti skont ir-regoli tal-proċedura krminali tal-Istat Membru emittenti qabel inbdiet il-proċedura biex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew.

24. Din il-qorti tosserva li jeżistu differenzi fundamentali bejn mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta' arrest nazzjonali. Filwaqt li mandat ta' arrest Ewropew jingħata biex tiġi arrestata u kkonsenjata persuna akkużata jew ikkundannata li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, mandat ta' arrest nazzjonali jingħata biex tiġi arrestata persuna li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru emittenti. Minbarra dan, il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq mandat ta' arrest jew fuq deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' piena, filwaqt li mandat ta' arrest nazzjonali jinħareġ fuq bażi ta' kundizzjonijiet u ta' każijiet irregolati espliċitament mill-proċedura kriminali tal-Istat Membru emittenti. Fl-aħħar nett jeżistu diversi differenzi bejn mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta'arrest nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-kontenut, il-forma u t-terminu ta' validità tagħhom.

25. Minn dawn ir-raġunijiet il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li, fl-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, persuna ma tistax tiġi arrestata u miżmuma taħt arrest, u li ma huwiex ammissibbli li mandat ta' arrest Ewropew "jinbidel" f'mandat ta' arrest nazzjonali wara l-konsenja tal-persuna mfittxija. Barra minn dan interpretazzjoni bħal din tmur kontra d-drittijiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni.

26. Il-qorti tar-rinviju hija wkoll tal-fehma li minbarra r-raġunijiet ta' rifjut obbligatorji jew fakultattivi stipulati fid-Deċiżjoni Qafas, il-prattika ġudizzjarja turi li hemm raġunijiet oħra impliċiti ta' rifjut. Dan ikun il-każ meta r-rekwiżiti sostantivi u proċedurali tal-mandat ta' arrest Ewropew ma jkunux issodisfatti, b'mod partikolari fil-każ ta' assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ fl-Istat Membru emittenti – li hija s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

27. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Curtea de Apel Cluj (il-qorti tal-appell ta' Cluj) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas, l-espressjoni "eżistenza ta' mandat ta' arrest", għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal mandat ta' arrest nazzjonali [...] maħruġ konformement mad-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Istat Membru emittenti, jiġifieri differenti mill-mandat ta' arrest Ewropew?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-ineżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali [...] tikkostitwixxi raġuni impliċita għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?"

III – **L-evalwazzjoni tiegħi**

A – *Fuq l-ewwel domanda*

28. Bl-ewwel domanda l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li l-mandat ta' arrest li l-eżistenza tiegħu għandha tiġi indikata fil-formola jrid jiftiehem bħala mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew u maħruġ skont ir-regoli tal-proċedura kriminali tal-Istat Membru emittenti.

29. Qed tistaqsi dan għaliex għandha quddiemha mandat ta' arrest Ewropew li taħt l-ittra (b)(1) tal-formola jagħmel biss riferiment għalih innifsu, għaliex – meta l-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi jkollhom indikazzjonijiet serji li jippermettulhom jippreżumu li persuna mfittxa għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kriminali tinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor – huma joħorġu direttament mandat ta' arrest Ewropew billi jibbażaw ruħhom fuq l-Artiklu 25 tal-liġi Nru CL-XXX tal-2012 dwar il-kooperazzjoni f'materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jgħid li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew ikopri wkoll it-territorju Ungeriż.

30. Qabel inwieġeb din id-domanda jidhirli li huwa importanti nenfasizza li l-formola tal-mandat ta' arrest Ewropew li fuq il-bażi tagħha l-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi talbu lill-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni l-konsenja ta' N. A. Bod-Dogi ma fihiex biss riferiment, fl-ittra (b)(1), għal dan l-istess mandat maħruġ mill-Mátészalkai járásbíróság (qorti lokali ta' Mátészalka), iżda wkoll fl-ittra (b), taħt it-titolu "Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat", il-kliem "Prosekutur ta' Nyíregyházi járásbíróság (qorti ta' Nyíregyházi) K.11884/2013/4". Ser nosserva li din l-indikazzjoni doppja tagħti lill-mandat ta' arrest Ewropew ambigwità oriġinali dwar l-awtur tad-deċiżjoni. Min ħa d-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest kontra N. A. Bob-Dogi? Kien il-Prosekutur ta' Nyíregyházi járásbíróság (qorti ta' Nyíregyházi), li deċiżjoni tiegħu ġiet sempliċement eżegwita mill-Mátészalkai járásbíróság (qorti lokali ta' Mátészalka), jew kienet din l-aħħar qorti, fuq talba tal-istess Prosekutur? Ma nafx u għandi dubji serji jekk il-qorti tar-rinviju rċevietx xi garanziji fuq dan il-punt.

31. Anki jekk jitqies li d-deċiżjoni ttieħdet mill-qorti, inqis li l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas irid jiġi interpretat fis-sens li jimponi li l-mandat ta' arrest Ewropew ikun ibbażat fuq mandat ta' arrest nazzjonali distint, li jordna t-tfittxija u l-arrest tal-persuna mfittxa fit-territorju tal-Istat Membru emittenti.

32. Fil-fehma tiegħi donnu hemm tliet kunsiderazzjonijiet li jaqblu bejniethom li jimmilitaw f'dan is-sens. Fl-ewwel lok, sistema bħal dik stipulata mil-liġi Ungeriża ma hijiex konformi mal-awtonomija kunċettwali tal-kunċett ta' mandat ta' arrest Ewropew. Fit-tieni lok, din is-sistema ċċaħħad lill-persuna mfittxa għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kriminali mill-garanziji proċedurali li jirriżultaw mill-għoti ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li tordna t-tfittxija u l-arrest ta' din il-persuna. Fit-tielet lok, l-assimilazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għal mandat ta' arrest nazzjonali jippreklud, fl-Istati Membri, bħall-Ungerija, fejn japplika l-prinċipju tal-legalità tal-prosekuzzjoni, l-implementazzjoni ta' stħarriġ tal-proporzjonalità fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew.

33. Ser neżamina dawn il-kunsiderazzjonijiet waħda waħda.

1. L-assimilazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għal mandat ta' arrest nazzjonali ma hijiex konformi mal-awtonomija kunċettwali tal-kunċett ta' mandat ta' arrest Ewropew.

34. Is-soluzzjoni mħaddna mid-dritt Ungeriż tipproċedi minn assimilazzjoni bejn il-kunċett ta' mandat ta' arrest Ewropew u dak ta' mandat ta' arrest nazzjonali li la tidher li hija konformi mal-ittra u lanqas mal-ispirtu tad-Deċiżjoni Qafas.

35. L-ewwel nett l-awto-riferiment li jirriżulta mill-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew li jservi wkoll ta' mandat ta' arrest nazzjonali imur kontra l-kliem innifsu tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas li tipprovdi li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu bilfors jinkludi indikazzjoni tal-eżistenza ta' "sentenza esegwibbli, [ta'] mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 u 2", pprovduta skont il-formola li tidher fl-anness tal-istess Deċiżjoni Qafas.

36. Għandu jiġi osservat li la l-kunċett ta' "mandat ta' arrest" u lanqas dak ta' "deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli [...] li jkollhom l-istess effett" ma huma definiti fid-Deċiżjoni Qafas.

37. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li fl-assenza ta' tali definizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, id-determinazzjoni tas-sinjifikat u tal-portata ta' dawn il-kunċetti għandha tiġi stabbilita – skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja – billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm it-termini tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni konċernata kif ukoll il-kuntest tagħha [5].

5 — Ara s-sentenza West (C-192/12 PPU, EU:C:2012:404, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38. Qabelxejn għandu jiġi osservat li l-Artiklu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas juża l-kliem "mandat ta' arrest" filwaqt li l-kunċett użata fit-titolu tagħha, fil-preambolu kif ukoll fit-titoli u fil-korp tal-artikoli tagħha [6] biex tiddeskrivi l-mekkaniżmu ta' konsenja li hija għandha l-għan li tirregola huwa dak ta' "mandat ta' arrest Ewropew".

39. Il-kliem użat fit-titolu tal-ittra (b) tal-formola annessa mad-Deċiżjoni Qafas tikkonferma l-interpretazzjoni li din tagħmel distinzjoni bejn il-kunċett ta' "mandat ta' arrest" u dak ta' "mandat ta' arrest Ewropew", għaliex hemm indikat li trid tissemma d-deċiżjoni li fuqha "huwa bbażat" il-mandat ta' arrest Ewropew u dan jimplika biċ-ċar l-eżistenza ta' deċiżjoni distinta mill-mandat ta' arrest innifsu u li sservi ta' bażi għal dan tal-aħħar.

40. Fid-dawl ta' din id-distinzjoni l-kliem "mandat ta' arrest" ma għandux jitqies bħala terminu ġeneriku li taħt l-istess isem jinkludi kemm il-mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll il-mandati ta' arrest nazzjonali, imma bħala terminu speċifiku li jindika biss il-mandat ta' arrest nazzjonali.

41. Għalhekk, bil-kontra ta' dak li jsostni l-Gvern Ungeriż, mit-termini tad-Deċiżjoni Qafas u tal-formola annessa magħha jirriżulta li l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew huwa suġġett għall-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali li fuqu jkun ibbażat il-mandat ta' arrest Ewropew u li jikkostitwixxi l-bażi legali tiegħu.

42. It-tieni nett, fl-opinjoni tiegħi l-assimilazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-mandat ta' arrest nazzjonali tmur fundamentalment kontra l-kunċett tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjni ġudizzjarja stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas u kontra d-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 1(1) tagħha.

43. F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li l-għan tad-Deċiżjoni Qafas huwa, hekk kif fakkret ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja billi bbażat ruħha kemm fuq l-Artikolu 1(1) u (2) kif ukoll fuq il-premessi 5 u 7 tagħha, "li tissostitwixxi s-sistema ta' estradizzjoni multilaterali bejn l-Istati Membri b'sistema ta' konsenja bejn awtoritajiet ġudizzjarji ta' persuni kkundannati jew issuspettati għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ta' prosekuzzjoni, b'din is-sistema tal-aħħar tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku" [7].

44. Għal dan il-għan, id-Deċiżjoni Qafas tintroduċi sistema ġdida ssimplifikata u iktar effikaċi ta' ċeeediment "sabiex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan mogħti lill-Unjoni li ssir spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja msejsa fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri" [8].

45. Għalhekk il-mandat ta' arrest Ewropew ġie konċepit bħala sistema intiża li tissostitwixxi l-proċedura ta' estradizzjoni biex tiffaċilita l-konsenja ta' persuna mfittxa li tinsab fi Stat Membru differenti minn dak fejn inħareġ dan il-mandat. Dan il-kunċett, li jservi bħala bażi għad-Deċiżjoni Qafas, joħroġ ċar ħafna mid-definizzjoni li nsibu fl-Artikolu 1(1) tagħha li turi li mandat ta' arrest Ewropew huwa intiż esklużivament għall-arrest tal-persuna mfittxa fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru emittenti biex tiġi kkonsenjata lil dan tal-aħħar.

46. Kif joħroġ ċar l-iktar mill-premessi 5 u 6 d-Deċiżjoni Qafas tissostitwixxi sistema tradizzjonali ta' kooperazzjoni bejn Stati sovrani, li tinvolvi l-intervent u l-evalwazzjoni tal-awtorità eżekuttiva, b'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali intiż biex jiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet f'materji kriminali fi spazju ġudizzjarju komuni li l-"bażi" tieghu huwa l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

6 — Għalkemm, fil-verżjoni Franċiża l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas juża l-kliem "mandat d'arrêt" filwaqt li qed jirreferi probabbilment għall-mandat ta' arrest Ewropew, madankollu l-aġġettiv "Ewropew" jidher f'diversi verżjonijiet lingwistiċi oħra tiegħu (ara, b'mod partikolari, il-verżjonijiet bil-Bulgaru, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż u bl-Olandiż).

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lanigan (EU:C:2015:474, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lanigan (EU:C:2015:474, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47. Għalkemm, id-Deċiżjoni Qafas tinkludi diversi indikazzjonijiet ta' din l-emanċipażżjoni ċerta tal-arrest Ewropew mill-kunċett tradizjonali tal-estradizzjoni, bħal, b'mod partikolari, il-fatt li l-proċedura ġiet fdata f'idejn il-qrati, li r-regola li pajjiż ma jestradixxix liċ-ċittadini tiegħu ġiet abbandunata u li kien hemm rinunzja parzjali għad-dogma tal-inkriminazzjoni doppja, madankollu, għandu jiġi osservat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma neħħiex kull mekkaniżmu ta' konsenja bejn l-Istati Membri billi ħoloq sistema ta' rikonoxximent awtomatiku tal-mandati ta' arrest nazzjonali li għalhekk kienu jkunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew kollu.

48. Id-Deċiżjoni Qafas fl-aħħar mill-aħħar tikkorrispondi għal livell intermedju fir-realizzazzjoni gradwali u fl-approfondiment tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, u dan huwa evidenzjat, b'mod partikolari, mill-fatt li mandat ta' arrest Ewropew huwa kkonċepit bħala l-istrument ta' proċedura nazzjonali, u l-ħruġ tiegħu jibqa' suġġett għall-eżistenza preċedenti ta' titolu eżekuttiv nazzjonali [9].

49. F'dan il-kuntest huwa sinjifikattiv li jiġi kkonstatat li, waqt il-proċess leġiżlattiv li wassal għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas, it-termini "l-fatt li teżisti *jew le* sentenza definittiva jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja oħra esegwibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [10], li kienu jidhru fl-Artiklu 6(ċ) tal-proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [11]) ġew issostitwiti bit-termini: "l-indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' sentenza esegwibbli, [ta'] mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett", li jwarrbu l-karattru fakultattiv ta' din l-indikazzjoni.

50. Fl-aħħar nett, fl-opinjoni tiegħi l-espressjoni "mandat ta' arrest Ewropew" tindika l-istrument oriġinali maħluq mid-Deċiżjoni Qafas li permezz tiegħu l-awtorità ġudizzjarja emittenti titlob l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni nazzjonali fl-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja u li, permezz tal-kliem obbligatorji li jinkludi, jippermetti li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-mandat tivverifika kemm l-eżistenza nnifisha tal-mandat kif ukoll ir-regolarità formali tiegħu fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas.

51. Il-mandat ta' arrest Ewropew huwa strument li bih l-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru titlob lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor il-konsenja tal-persuna mfittxa u għalhekk ma għandux jiġi mħallat mal-ordni ta' tfittxija u ta' arrest li għall eżekuzzjoni tagħha jkun inħareġ l-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew. Fi kliem ieħor huwa att li jippermetti l-eżekuzzjoni fl-ispazju ġudizzjarju Ewropew ta' deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli li tordna l-arrest tal-persuna mfittxa. Għalhekk mhux biss talli ma naqbilx mal-pożizzjoni tal-Gvern Awstrijak li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew "huwa [...] wkoll mandat ta' arrest", iżda talli nqis, bil-kontra ta' dan, li n-natura partikolari ta' dan l-istrument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja jeskludi li l-estenzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tieghu għat-territorju tal-Istat Membru emittenti, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, tkun tista' tikkompensa l-assenza ta' ħruġ ta' mandat ta' arrest nazzjonali jew ta' kull titolu eżekuttiv ieħor li għandu l-istess effett, assenza li ċċaħħad il-mandat ta' arrest Ewropew minn kull bażi legali.

52. Dan in-nuqqas ta' bażi legali huwa iktar inaċċettabbli għaliex iċaħħad lill-persuna mfittxa mill-garanziji proċedurali li jakkompanjaw l-għoti ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali u li jiżdiedu mall-garanziji marbuta mal-proċedura ta' mandat ta' arrest Ewropew.

9 — Mill-bqija, l-istadju ulterjuri ta' dan il-proċess ma jkunx it-tneħħija tal-mandat ta' arrest nazzjonali, kif jipprovdi d-dritt Ungeriż, imma li l-mandat ta' arrest nazzjonali b'xi mod ikun jista' jiċċirkola liberament fl-ispazju ġudizzjarju kollu Ewropew.

10 — Korsiv miżjud minni.

11 — COM(2001) 522 finali.

2. L-estenzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għat-territorju tal-Istat Membru emittenti ċċaħħad lill-persuna mfittxa ghall-finijiet ta' proċeduri kriminali mill-garanziji proċedurali li jirriżultaw mill-għoti ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali.

53. Waqt is-seduta, b'risposta għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet tirrigwarda speċifikament il-kwistjoni ta' jekk il-proċedura msejħa "simplifikata" inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tillimita l-garanziji tad-dritt nazzjonali li jipproteġu l-persuna mfittxa, il-Gvern Ungeriż ċaħad kull riskju li dawn il-garanziji jiġu limitati billi sostna, minn naħa, li, b'differenza mill-mandat ta' arrest nazzjonali, li jista' jinħareġ mhux biss minn qorti iżda anki mill-pulizija jew mill-prosekutur pubbliku, il-mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ biss minn imħallef u min-naħa l-oħra, li, il-kundizzjonijiet li jakkumpanjaw il-ħruġ tiegħu huma iktar stretti minn dawk li jirregolaw il-ħruġ ta' mandat ta' arrest nazzjonali.

54. Dawn l-ispjegazzjonijiet mhux talli ma jikkonvinċunix iżda talli jsaħħu l-preokkupazzjonijiet tiegħi, li diġà aċċenajt għalihom, dwar ir-riskji li d-drittijiet tad-difiża jiddgħajfu bħala riżultat tal-assenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li sservi ta' bażi għall-mandat ta' arrest Ewropew.

55. Fil-fehma tiegħi it-termini drastiċi tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jippresupponu, bħala kontroparti, l-eżistenza ta' garanziji proċedurali konkreti u effettivi tad-drittijiet tad-difiża fl-Istat Membru emittenti tal-mandat ta' arrest Ewropew, li mingħajrhom jinkiser il-bilanċ indispensabbli, inerenti għall-istabbiliment ta' spazju ġudizzjarju Ewropew, bejn l-eżiġenzi tal-effettività tal-ġustizzja kriminali u l-imperattivi tas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali.

56. Issa l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew mhux biss talli ma hijiex l-espressjoni sempliċi ta' formalizmu fettuqi u inutli, imma talli hija garanzija essenzjali biex jiġi ppreservat dan il-bilanċ fis-sistema tad-Deċiżjoni Qafas.

57. Din il-kundizzjoni hija indispensabbli għall-eżistenza tal-fiduċja reċiproka u għar-rispett tad-drittijiet tal-persuna mfittxa.

58. L-ewwel nett il-fiduċja reċiproka tippresupponi l-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali.

59. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, li fuqu hija bbażata s-sistema ta' mandat ta' arrest Ewropew, huwa min-naħa tiegħu bbażat fuq il-fiduċja reċiproka li, skont il-formula tas-sentenza West [12], "għandha teżisti" bejn l-Istati Membri [13]. Fis-sentenza F. [14] il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri tirrigwarda l-fatt li s-sistemi ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom huma kapaċi jagħtu "protezzjoni ekwivalenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")]" [15].

60. Għalhekk il-proċess ta' rikonoxximent reċiproku huwa msejjes fuq l-idea li ma huwiex neċessarju li deċiżjoni ġudizzjarja li l-eżekuzzjoni tagħha hija mfittxa fi Stat Membru tissodisfa l-kundizzjonijiet proċedurali u sostantivi kollha rikjesti f'dan l-Istat Membru sakemm tirrispetta r-regoli ekwivalenti tal-Istat Membru li adotta l-imsemmija deċiżjoni. Kif il-Kummissjoni tosserva ġustament, fis-sistema ta' konsenja prevista fid-Deċiżjoni Qafas, ir-rikonoxximent reċiproku huwa bbażat fuq il-premessa li kull mandat ta' arrest Ewropew huwa msejjes fuq mandat ta' arrest nazzjonali jew fuq deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli li jkollha l-istess effett, adottati skont ir-regoli ta' proċedura krminali applikabbli fl-Istat Membru konċernat.

12 — C-192/12 PPU, EU:C:2012:404.

13 — Punt 53.

14 — C-168/13 PPU, EU:C:2013:358.

15 — Punt 50.

61. L-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, li għall-eżekuzzjoni tiegħu jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew, tippermetti għalhekk li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri l-oħra jingħataw il-garanzija li l-kundizzjonijiet legali nazzjonali kollha huma sodisfatti biex jistgħu jordnaw l-arrest u d-detenzjoni ta' persuna mfittxa għall-finijiet ta' proċeduri kriminali. Mingħajr din il-garanzija minima, is-sistema simplifikata ta' konsenja mhux biss talli ma tispirax il-fiduċja reċiproka li għandha tirregola r-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u l-awtoritajiet ġudizzjarji li jeżegwuh, iżda talli tqajjem sfiduċja reċiproka.

62. Għalhekk il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali ma tirrispondix għal rekwiżit purament formali li jirriżulta minn interpretazzjoni litterali tad-Deċiżjoni Qafas. Billi timponi li mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun ibbażat fuq bażi proċedurali komuni magħmula minn deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li tiggarantixxi l-intervent ta' qorti indipendenti u imparzjali sabiex tiġi ordnata miżura koerċittiva, hija tagħti kontenut sostanzjali minimu lill-prinċipju ta' protezzjoni effettiva u ekwivalenti u konsegwentement tippermetti l-inkarnazzjoni ġuridika konkreta tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li, biex teżisti realment, ma għandhiex tibqa' ristretta għal sempliċi formola ritwali.

63. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jindirizza qabel xejn lill-Istati Membri li jimponilhom li jafdaw lil xulxin minkejja d-differenzi li jisseparaw il-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom, madankollu, għall-qorti, dan il-prinċipju għandu wkoll dimenzjoni komplimentari ta' regola ta' interpretazzjoni tal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti intiżi li joħolqu gradwalment spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja [16]. Fil-fehma tiegħi l-fiduċja reċiproka tirrikjedi r-rekwiżit ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li sservi ta' bażi għall-mandat ta' arrest Ewropew, kif jirriżulta mill-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas, jingħata portata sostanzjali.

64. It-tieni nett, ir-rispett tad-drittijiet tal-persuna mfittxa jippresupponi l-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali.

65. Għandu jiġi nnotat li l-mandat ta' arrest, mid-definizzjoni tiegħu stess, jimplika mhux biss ordni ta' arrest imma wkoll ordni ta' detenzjoni. Per eżempju, ma jistax jiġi assimilat għal miżura ta' detenzjoni fil-kuntest ta' detenzjoni kawtelatorja waqt inkjesta. Fil-fatt l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat twassal, min-natura tagħha stess, minħabba t-termini li ma jistgħux jiġu evitati li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-kundizzjonijiet ġuridiċi u materjali tal-eżekuzzjoni tiegħu, għal perijodu ta' detenzjoni li t-test stess jassimila jew għall-bidu tal-eżekuzzjoni tal-piena jew għall-miżura ta' detenzjoni provviżorja qabel is-sentenza, għaliex il-perijodu ta' detenzjoni għandu jitnaqqas mill-piena li għandha tiġi eżegwita jew, skont il-każ, li għandha tiġi imposta wara s-sentenza [17].

66. L-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali li jservi ta' bażi għall-mandat ta' arrest Ewropew għandha għalhekk tinftiehem bħala l-espressjoni tal-prinċipju ta' legalità li jimplika li l-poter ta' koerċizzjoni li bis-saħħa tiegħu tingħata ordni ta' riċerka, ta' arrest u ta' detenzjoni ma jkunx jista' jiġi eżerċitat barra mil-limiti legali, iddeterminati mid-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru, li fi ħdanhom l-awtorità pubblika għandha d-dritt tfittex, tressaq proċeduri u tiġġudika lill-persuni suspettati li kisru l-liġi.

67. Is-sistema ġuridika applikabbli għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tissodisfax dan ir-rekwiżit fundamentali.

16 — Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, De Schutter, O., "La contribution du contrôle juridictionnel à la confiance mutuelle", *La confiance mutuelle dans l'espace pénal européen/Mutual Trust in the European Criminal Area*, Institut d'études européennes de l'Université libre de Bruxelles (ULB), Brussell, 2005, p. 79, speċjalment paġna 103 fejn jitqies li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku huwa prinċipju li għandu rwol ekwivalenti għal dak tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

17 — Ara l-Artiklu 26(1) tad-Deċiżjoni Qafas.

68. Qabelxejn għandu neċessarjament jiġi osservat li din is-sistema hija kkaratterizzata b'ambigwità kbira. Xi tfisser konkretament id-dispożizzjoni li tgħid li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew "jestendi wkoll għat-territorju tal-Ungerija"?

69. Interpretata letteralment, din id-dispożizzjoni tfisser li l-mandat ta' arrest Ewropew japplika għat-territorju Ungeriż filwaqt li jibqa' suġġett għas-sistema ġuridiku tiegħu. Nimmaġinaw, u din ma hijiex xi ipotesi akkademika, li persuna maħruba, li kontriha l-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi ħarġu mandat ta' arrest Ewropew validu wkoll bħala mandat ta' arrest nazzjonali għaliex ħasbu li l-persuna tinsab barra mill-pajjiż u nimmaġinaw li din il-persuna tispiċċa tinstab fit-territorju Ungeriż. Liema huma r-regoli li għandhom japplikaw? Jekk wieħed joqgħod fuq l-ittra tad-dispożizzjoni nazzjonali, l-att li jservi ta' bażi għall-arrest jżomm in-natura ġuridika ta' mandat ta' arrest Ewropew li l-effetti tiegħu jġu biss "estiżi" għat-territorju nazzjonali. Minn dan isegwi li s-sistema ġuridika speċifika għal dan il-mandat jkollha tiġi applikata fit-territorju Ungeriż, bl-istess mod kif kieku kienet tiġi applikata fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Dan ifisser li l-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi għandhom jitqiesu fl-istess ħin bħala awtoritajiet emittenti u awtoritajiet ta' eżekuzzjoni, li l-persuna mfittxa għandha, wara li tiġi arrestata, id-drittijiet rikonoxxuti mid-Deċiżjoni Qafas u, għaldaqstant, tista' tirrifjuta li taċċetta l-konsenja tagħha nnifisha, li tista' tibbenefika jew tirrinunzja li tibbenefika mir-regola tal-ispeċjalità? It-termini applikabbli għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandhom jiġu rrispettati? Dawn id-diversi mistoqsijiet juru li l-estenzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għat-territorju tal-Istat Membru emittenti jwassal għal sistema ġuridika li d-delimitazzjonijiet tagħha ma humiex ċari wisq u li bl-ebda mod ma tissodisfa r-rekwiżit taċ-ċertezza legali.

70. Huwa biss billi jiġu sfurzati t-termini tad-dispożizzjoni Ungeriża li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għat-territorju Ungeriż li jkun possibbli li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod li jaqbel mal-imterpretazzjoni tal-Gvern Ungeriż, li tgħid li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu n-natura ġuridika ta' mandat ta' arrest nazzjonali fl-Ungerija u n-natura ta' mandat ta' arrest Ewropew fl-Istati Membri l-oħra.

71. Madankollu, anki jekk insegwu l-Gvern Ungeriż fl-interpretazzjoni tiegħu, is-sistema ġuridika ta' dan il-mandat li, bħal xi Janus b'żewġt uċuħ, toffri l-wiċċ doppju ta' mandat ta' arrest nazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru emittenti u ta' mandat ta' arrest Ewropew fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra tibqa' kkaratterizzata b'ambigwità kbira.

72. L-ewwel nett, sa fejn, kif enfasizzajt preċedentement, il-mandat ta' arrest Ewropew huwa strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u mhux ordni ta' tfittxija u ta' arrest tal-persuna konċernata fit-territorju tal-Istat Membru emittenti, din is-sistema tiżnatura l-għan tal-mandat ta' arrest Ewropew u ċċaħħdu minn bażi legali.

73. It-tieni nett, u bħala konsegwenza, il-persuna mfittxa tiġi b'dan il-mod imċaħħda, fin-nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat ieħor minbarra l-mandat ta' arrest Ewropew, mill-possibbiltà li tikkuntesta, fl-Istat Membru emittenti, il-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni tagħha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istat. Sa fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija kompetenti biss biex tiddeċiedi fuq il-motivi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fid-Deċiżjoni Qafas, għalhekk, ikun hemm ir-riskju li aspett sħiħ tal-legalità tal-arrest u tad-detenzjoni ma jkunx suġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju.

74. Ċertament, il-proċedura kriminali ta' tressiq ta' azzjoni tibqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas u tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri jibqgħu suġġetti għall-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kif sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, jew

fid-dritt nazzjonali [18], inkluż id-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 13 ta' din il-konvenzjoni u fl-Artikolu 47 tal-Karta. Issa, il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew ma jeżonerax lill-Istati Membri mill-osservanza tal-garanziji proċedurali previsti fid-dritt nazzjonali tagħhom meta jiġi deċiż li persuna tiċċaħħad mil-libertà.

75. Fl-opinjoni tiegħi kien propju biex jiġi evitat ir-riskju ta' ċaħda tal-garanziji relatati mal-intervent ta' qorti, gwardjana tal-libertajiet individwali, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda li mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun imsejjes fuq l-eżistenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja adottata konformement mar-regoli proċedurali tal-Istat Membru emittenti.

76. Iżjed minn hekk, il-ħruġ ta' mandat wieħed li fl-istess ħin jiswa ta' mandat ta' arrest Ewropew u ta' mandat ta' arrest nazzjonali, jċaħħad lill-Istati Membri responsabbli għall-eżekuzzjoni mill-garanzija li l-Istat Membru emittenti applika l-istħarriġ tal-proporzjonalità.

3. Il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew li jiswa ta' mandat ta' arrest nazzjonali jista' jipprekludi l-implementazzjoni tal-istħarriġ tal-proporzjonalità meta jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew.

77. Il-kwistjoni tal-istħarriġ tal-proporzjonalità hija waħda mid-diffikultajiet kbar li hija affaċċjata bihom is-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

78. Il-Kummissjoni, fir-rapport tagħha fuq l-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas sa mill-2007 [19], osservat li l-fiduċja fl-applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew kienet ġiet iddisturbata bil-ħruġ sistematiku ta' mandati ta' arrest Ewropej intiżi għall-konsenja ta' persuni mfittxa għal ksur minuri tal-liġi [20]. Il-Kummissjoni żiedet li l-konsegwenzi fuq il-libertà tal-persuni mfittxa huma sproporzjonati "meta mandati ta'arrest Ewropej jinħarġu f'każijiet li għalihom id-detenzjoni (provviżorja) normalment ma titqiesx xierqa" [21].

79. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 li fiha rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew [22], irrakkomanda li, meta jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità kompetenti "tevalwa b'kura n-neċessità tal-miżura rikjesta fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi kollha u tal-fatturi rilevanti kollha, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew akkużata u tad-disponibbiltà tal-miżuri ta' sostituzzjoni li huma inqas intrużivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa" [23].

80. Il-Kunsill, fir-rapport finali tiegħu fuq ir-raba' serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, intitolat "L-applikazzjoni prattika tal-mandat ta' arrest Ewropew u tal-proċeduri korrispondenti ta' konsenja bejn l-Istati Membri", adottat fl-4 u l-5 ta' Ġunju 2009 [24], eżamina l-kwistjoni tal-introduzzjoni ta' kriterju ta' proporzjonalità "mifhum bħala kontroll addizzjonali, li jiżdied mal-verifika dwar il-livell rikjesta, li jippermetti li tiġi evalwata l-opportunità li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [25]. Fir-rakkomandazzjoni Nru 9 lill-Istati Membri, il-Kunsill inkariga lid-dipartimenti preparatorji tiegħu bit-tkomplija tad-diskussjonijiet dwar l-introduzzjoni tar-rekwiżit tal-proporzjonalità, fejn l-għan kien li tinstab soluzzjoni koerenti fuq il-livell tal-Unjoni.

18 — Ara s-sentenza F. (C-168/13 PPU, EU:C:2013:358, punt 48).

19 — Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-implimentazzjoni, sa mill-2007, tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, tal-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [COM(2011) 175 finali].

20 — Ara l-punt 5 ta' dan ir-rapport.

21 — *Idem.*

22 — Dokument T7-0174/2014.

23 — Ara l-anness ta' din ir-riżoluzzjoni.

24 — Dokument 8302/4/09 REV 4 – Crimorg 55 COPEN 68 EJN 24 Eurojust 20.

25 — Ara l-punt 3.9 ta' dan ir-rapport.

81. Sussegwentement, fis-sessjoni tat-3 u tal-4 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill iddeċieda li jimmodifika l-Manwal Ewropew dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew [26] biex fih jinkludi, fil-punt 3 ta' dan il-manwal, il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jinħareġ dan il-mandat.

82. Issa, hemm indikat li "fid-dawl tal-konsegwenzi gravi li għandha l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew fir-rigward tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà fiżika u l-libertà ta' moviment tal-persuna mfittxa, qabel jiddeċiedu li joħorġu mandat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-kwistjoni tal-proporzjonalità fid-dawl ta' ċertu numru ta' fatturi mportanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] bħall-"gravità tal-ksur, il-possibbiltà ta' detenzjoni tal-persuna suspettata, [...] il-piena li tista' tiġi imposta jekk il-persuna mfittxa tinstab ħatja tal-allegat ksur (u) l-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-pubbliku u li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-vittmi tal-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Barra minn hekk, hemm indikat li, "ma għandux jingħażel [il-mandat ta' arrest Ewropew] meta l-miżura koerċittiva li tidher proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ inkwistjoni ma hijiex id-detenzjoni preventiva" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

83. Nixtieq inżid li l-Kunsill issanċixxa espliċitament ir-rekwiżit ta' proporzjonalità fid-Deċiżjoni tiegħu 2007/533/ĠAI, tat-12 ta' Ġunju 2007, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) [27], li l-Artikolu 21 tagħha jipprevedi li, qabel ma joħroġ twissija, l-Istat Membru li joħroġ it-twissija għandu jiddetermina jekk il-każ huwiex "adegwat, rilevanti u importanti biżżejjed li jistħoqqlu dħul ta' l-allert [twissija] fis-SIS II". Billi t-twissija SIS tista' (skont l-Artiklu 9 tad-Deċiżjoni Qafas) jkollha l-valur ta' mandat ta' arrest Ewropew, din id-dispożizzjoni għalhekk tintroduċi l-istħarriġ tal-proporzjonalità ta' dan il-mandat fid-dritt sostantiv.

84. Madankollu d-Deċiżjoni Qafas innifisha ma timponix espliċitament fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti l-obbligu li jistħarrġu l-proporzjonalità, anzi jingħad fil-punt 3 tal-manwal li "huwa ċar li d-Deċiżjoni Qafas [...] ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istat Membru emittenti li jivverifika l-proporzjonalità u li f'dan ir-rigward il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri għandha rwol determinanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-istħarriġ tal-proporzjonalità mill-awtorità ġudizzjarja emittenti għalhekk jirriżulta minn "interpretazzjoni [...] *kompatibbli* mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas [...] kif ukoll mal-filosofija ġenerali li tispira l-implementazzjoni tagħha" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [28].

85. L-istħarriġ tal-proporzjonalità mill-awtorità ġudizzjarja emittenti ma huwiex imsejjes fuq il-karattru vinkolanti tad-Deċiżjoni Qafas, imma biss fuq il-kunsens ġenerali bejn l-Istati Membri u kondiviż mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Dan huwa sempliċement "kompatibbli" mad-Deċiżjoni Qafas mingħajr ma huwa impost minnha.

86. Iktar ma nirrifjuta din id-dikjarazzjoni li fl-opinjoni tiegħi hija żbaljata, iktar ninsab konvint mill-indikazzjoni li l-manwal jifformula biss "osservazzjonijiet" li għandhom biss il-valur ta' "sempliċi rakkomandazzjonijiet" [29].

87. Fil-fehma tiegħi d-Deċiżjoni Qafas għandha valur vinkolanti tant meta timponi stħarriġ tal-proporzjonalità fl-istadju tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll meta tipprojbih, bħala prinċipju, fl-istadju tal-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, bla ħsara għal ċirkustanzi eċċezzjonali.

26 — Dokument 17195/1/10 REV 1 – COPEN 275 EJN 72 Eurojust 139, iktar 'il quddiem il-"manwal".

27 — ĠU L 205, p. 63.

28 — Korsiv miżjud minni.

29 — Ara n-nota fil-qiegħ tal-paġna 1 tal-manwal.

88. Prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, illum espress fl-Artiklu 5 TUE, il-prinċipju tal-proporzjonalità jissemma' fil-premessa 7 tad-Deċiżjoni Qafas li jipprovdi li, skont dan il-prinċipju, id-Deċiżjoni Qafas ma għandhiex teċċedi dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan li tiġi ssostitwita s-sistema ta' estradizzjoni multilaterali bbażat fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957.

89. Barra minn hekk, l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas jfakkar li din ma għandux ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 UE u riflessi fil-Karta.

90. Issa, skont l-Artiklu 52(1) tal-Karta, jistgħu isiru limitazzjonijiet għad-drittijiet u għal-libertajiet sanċiti mill-istess Karta biss jekk, "*bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità [...] ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn*" [30].

91. F'materji kriminali dan il-prinċipju ta' proporzjonalità jsib l-espressjoni tiegħu partikolari fil-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni ggarantit fl-Artikolu 49 tal-Karta.

92. Lil hinn minn dawn ir-riferimenti ġenerali għall-prinċipju tal-proporzjonalità, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas, meta jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-mandat ta' arrest Ewropew, jittratta indirettament, iżda speċifikatament, il-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni ta' ħruġ ta' tali mandat, meta jipprovdi li dan jista' jinħareġ, għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, biss għall-fatti kkastigati mil-liġi tal-Istat Membru emittenti b'piena, jew b'miżura ta' sigurtà li ċċaħħad mil-libertà ta' massimu ta' mill-inqas tnax-il xahar u, f'każ tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-miżuri, għall-kundanni ta' pieni ta' mhux inqas minn erba' xhur.

93. Madankollu l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew skont dak li tistipula din id-dispożizzjoni ma jeskludix neċessarjament kull ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Kif turi l-enumerazzjoni, mhux limitattiva, tal-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni li tidher fil-manwal, l-implementazzjoni effettiva tal-istħarriġ tal-proporzjonalità jippreżupponi fil-fatt evalwazzjoni *in concreto* skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ.

94. Fl-opinjoni tiegħi d-Deċiżjoni Qafas timponi l-obbligu ta' twettiq ta' tali stħarriġ fl-istadju tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew, mingħajr ma jkun jista' jiġi oġġezzjonat validament li l-kundizzjonijiet tal-ħruġ jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri f'materja kriminali.

95. L-ewwel nett, din l-oġġezzjoni tinnega d-distinzjoni li għandha preċiżament issir bejn il-mandat ta' arrest Ewropew u l-mandat ta' arrest nazzjonali li jservi bħala bażi tiegħu. Għalkemm il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest nazzjonali jaqgħu effettivament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri f'materji kriminali, min-naħa l-oħra, il-mandat ta' arrest Ewropew huwa strument maħluq u rregolat mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-ħruġ tiegħu, kif juri l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas li jiddetermina l-każijiet li fihom mandat ta' arrest Ewropew "jista' jinħareġ". Id-Deċiżjoni Qafas tirrendi d-deċiżjoni li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' mandat ta' arrest nazzjonali jiġi estiż għall-ispazju ġudizzjarju Ewropew permezz tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew, att ġuridiku li jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni. Dispożizzjoni ta' Stat Membru li, skont id-Deċiżjoni Qafas, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew ma tistax għalhekk toħroġ mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għas-sempliċi raġuni li taqa' taħt id-dritt kriminali ta' dan l-Istat [31].

30 — Korsiv miżjud minni.

31 — B'analoġija ninnota li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni jimponi limiti għall-kompetenza tal-Istati Membri f'materji kriminali, sa fejn leġiżlazzjoni f'dan il-qasam ma tistax, b'mod partikolari, tillimita l-libertajiet fundamentali garantiti mid-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza Dickinger u Ömer, C-347/09, EU:C:2011:582).

96. It-tieni nett, infakkar li d-Deċiżjoni Qafas hija intiża għas-sostituzzjoni tal-estradizzjoni b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, ibbażata fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fis-sistemi repressivi rispettivi tagħhom. Din il-fiduċja hija bbażata fuq l-idea li kull wieħed mill-Istati Membri għandu jaċċetta l-applikazzjoni tad-dritt kriminali fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, minkejja li l-implementazzjoni tad-dritt nazzjonali tiegħu kien iwassal għal soluzzjoni differenti. Sa fejn is-sistema tad-Deċiżjoni Qafas hija bbażata fuq kooperazzjoni bejn qorti u oħra, huwa l-eżerċizzju komuni u uniformi tal-qrati kollha tal-ispazju ġudizzjarju Ewropew ta' stħarriġ tal-proporzjonalità li jippermetti li dawn id-differenzi jiġu aċċettati. Fi kliem ieħor, il-fiduċja li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew hija obbligata li tagħti minn qabel hija bbażata fuq il-fatt li s-sistema ta' konsenja tagħtiha l-garanzija li, minn qabel, l-awtorità ġudizzjarja emittenti diġà eżerċitat l-istħarriġ tagħha tal-proporzjonalità mingħajr ma l-kompetenza tagħha ma kienet marbuta mad-deċiżjoni tal-awtorità eżekuttiva jew ta' xi awtorità amministrattiva.

97. Għalhekk nasal għall-konklużjoni li l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun tista' tagħmel stħarriġ tal-proporzjonalità. Ma nikkonċepixxix l-idea li b'dan il-mod tiddgħajjef l-effettività tal-mandat ta' arrest Ewropew jew jiġi permess li l-allegati responsabbli ta' ksur tal-liġi ma jiġux ikkastigati billi jaqsmu l-fruntieri. Bil-kontra ta' dan l-impożizzjoni ta' tali stħarriġ isaħħaħ l-effettività ta' din is-sistema billi tiġi evitata l-multiplikazzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropew fl-okkażjoni ta' proċeduri kriminali li fir-rigward tagħhom jistgħu jiġu adottati miżuri oħra inqas onerużi u billi d-dipartimenti tal-pulizija u l-ġustizzja jingħataw l-opportunità li jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq il-ġlieda kontra l-iktar ksur gravi.

98. Issa, sistema bħal dik tad-dritt Ungeriża, ibbażata fuq il-ħruġ ta' deċiżjoni waħda li tiswa fl-istess ħin bħala mandat ta' arrest Ewropew u mandat ta' arrest nazzjonali, iċċaħħad l-awtorità ġudizzjarja emittenti, marbuta mill-prinċipju tal-legalità tal-proċeduri, mill-possibbiltà li tistħarreġ il-proporzjonalità u tirriduċiha għal sempliċi trażmetittriċi tad-dipartimenti tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni.

99. F'dan ir-rigward importanti li nosservaw li, fit-tabella li tidher fil-parti VIII tad-dokument ta' xogħol tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2011[32], għad-domanda dwar l-eżistenza ta' test ta' proporzjonalità r-risposta kienet, fir-rigward tal-Ungerija, "Le (prinċipju ta' legalità)".

100. Il-kawża prinċipali turi perfettament liema skolji jistgħu jiġu evitati bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

101. Infatti mill-informazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li N. A. Bob-Dogi kellu indirizz fir-Rumanija magħruf mill-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi li bagħtulu ċitazzjoni biex jidher fit-2 ta' Diċembru 2014 b'ittra rreġistrata li N. A. Bob-Dogi ma kkontestax li rċieva, iżda biss fil-5 ta' Diċembru 2014. Minbarra dan, mir-rekwiżitorju tal-prosekutur Ungeriż jirriżulta li l-Mátészalkai járásbíróság (tribunal lokali ta' Mátészalka) ġie mistieden jimponi lil N. A. Bob-Dogi multa kriminali u li jipprojbilu jsuq vetturi bil-mutur fit-triq pubblika. Wieħed jista' serjament jiddubita, f'ċirkustanzi bħal dawn, mill-proporzjonalità tad-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew, u l-iktar minn hekk wara iktar minn tlettax-il xahar mill-fatti li qed tiġi akkużata bihom il-persuna kkonċernata.

102. Irrispettivament, nista' biss nosserva li s-sistema simplifikata ta' konsenja stipulata fid-dritt Ungeriż, li tikkanċella kull garanzija dwar it-twettiq ta' stħarriġ tal-proporzjonalità mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, ma hijiex konformi mad-Deċiżjoni Qafas.

32 — Dokument tax-xogħol tad-dipartimenti tal-Kummissjoni li jakkumpanja t-tielet rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-implementazzjoni, sa mill-2007, tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [SEC(2011) 430 finali].

103. Nixtieq nispeċifika l-portata tal-analiżi tiegħi. F'osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, dan iwassal għal konfutazzjoni tal-prinċipju ta' legalità tal-azzjonijiet legali biss meta jiġi deċiż li, bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew, il-portata ġeografika ta' mandat ta' arrest nazzjonali tiġi estiża għall-ispazju ġudizzjarju Ewropew. Huwa biss f'dan il-każ, li huwa ekwivalenti għal implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li, fl-opinjoni tiegħi, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-mekkaniżmu ta' konsenja stabbilt fid-Deċiżjoni Qafas, din tal-aħħar għandha tiġi interpretata fis-sens li timponi l-obbligu li l-awtorità ġudizzjarja twettaq stħarriġ tal-proporzjonalità.

104. Għar-raġunijiet kollha esposti hawn fuq, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda tkun li d-Deċiżjoni Qafas tawtorizza l-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew biss għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali distint, jew ta' xi deċiżjoni oħra ġudizzjarja eżekuttiva li jkollha l-istess effett, li tordna t-tfittxija u l-arrest tal-persuna mfittxa, u adottati skont ir-regoli tal-proċedura kriminali tal-Istat Membru emittenti.

B – *Fuq it-tieni domanda*

105. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-assenza ta' indikazzjoni tal-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, li fuqu huwa bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew, tikkostitwixxix raġuni ta' non-eżekuzzjoni tal-mandat Ewropew.

106. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ripetutament, l-istruttura tad-Deċiżjoni Qafas hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li, billi huwa l-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, jimplika, bis-saħħa tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas, li l-Istati Membri huma bħala prinċipju marbutin li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew. Għalhekk dawn tal-aħħar jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu tali mandat tali biss għar-raġunijiet ta' non-eżekuzzjoni stipulati fl-Artkoli 3 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas u jistgħu jissuġġettaw l-eżekuzzjoni tiegħu biss għall-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas [33].

107. Għalkemm l-arkitettura ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma tħalli l-ebda lok għal xi raġuni oħra għan-non-eżekuzzjoni, madankollu għandu jiġi osservat li l-għan esklussiv tagħhom huwa li jiddetermina l-każijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, li lilha ġie trażmess mandat ta' arrest Ewropew li, meta jinħareġ regolarment, jipproduċi l-effetti tiegħu, hija, minkejja dan, iddispensata milli teżegwixxih. Fi kliem ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet huma msejsa fuq il-premessa li l-att, li l-eżekuzzjoni tiegħu ġiet newtralizzata, jirrispondi għad-definizzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew deskritt fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas u jissodisfa r-rekwiżiti sostantivi u formali stipulati fl-Artikolu 8 tagħha.

108. Issa, dan ma huwiex il-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew li ma nħariġx għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali jew ta' kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett.

109. In-nuqqas ta' eżistenza ta' bażi ġuridika nazzjonali ma jikkostitwixxix irregolarità formali li tista' tiġi rregolarizzata bl-użu tal-qafas ta' kooperazzjoni stipulat fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas, imma irregolarità sostantiva li tiskwalifika l-att milli jkun mandat ta' arrest Ewropew.

110. Minn dan niddeduċi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax teżegwixxi att ikklassifikat bħala mandat ta' arrest Ewropew li ma nħariġx għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest nazzjonali jew ta' kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett.

33 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi West (C-192/12 PPU, EU:C:2012:404, punt 55); Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 38), u F. (C-168/13 PPU, EU:C:2013:358, punt 36).

IV – **Konklużjoni**

111. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar ’il fuq, nipproponi li r-risposta għad-domandi preliminari tal-Curtea de Apel Cluj (qorti tal-appell ta’ Cluj) tkun kif ġej:

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2002, dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta’ Frar 2009, moqri fid-dawl tal-prinċipji ta’ legalità u ta’ proporzjonalità, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— mandat ta’ arrest Ewropew jista’ jinħareġ biss għall-eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest nazzjonali distint, jew ta’ xi deċiżjoni oħra ġudizzjarja eżekuttiva li jkollha l-istess effett, li tordna t-tfittxija u l-arrest tal-persuna mfittxa, u adottati skont ir-regoli tal-proċedura kriminali tal-Istat Membru emittenti;

— jekk dan ma huwiex il-każ, l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni għandha tirrifjuta li timplementa l-att bħala mandat ta’ arrest Ewropew.